MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 222/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ahmed Mohammed Hassan**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ahmed Mohammed Hassan talli:

(1) nhar-is 17 ta' Novembru 2005, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs inhar, f'Hal-Safi, ikkommetta serq ta' tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm22), liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u li sar ghad-detriment ta' Annabelle Camilleri;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-

ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Annabelle Camilleri kontra l-volonta` taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, hedded li joqtol jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' l-istess Annabelle Camilleri, liema reat sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

(3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

(4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (flick-knife) minghajr il-licenzja necessarja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Gudikatura Kriminali li permezz taghha sabet lill-imsemmi Ahmed Mohammed Hassan hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 261(a), 262, 275, 276, 86 u 87 tal-Kap. 9 u l-artikoli 26 u 13 tal-Kap. 66, ikkundannatu ghal prigunerija ghal zmien zentejn minn liema perijodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-istess Ahmed Mohammed Hassan ghamel taht arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Ahmed Mohammed Hassan li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi minflok issibu hati ta' l-akkuzi migjuba kontrieh, tilliberah minnhom, u fi kwalunkwe kaz tirriduci l-piena moghtija;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-akkuzi migjuba kontrieh ma gewx pruvati lil hinn minn kull

dubju ragjonevoli; (2) il-hin fl-akkuza ma jikkorrispondix mal-hin moghti mix-xhieda u ghalhekk kellu jigi liberat fuq dan il-punt; (3) is-sentenza hija nulla ghax moghtija minghajr l-icken motivazzjoni; (4) il-piena nflitta hija fi kwalunkwe kaz harxa wisq.

Kwantu ghat-tielet aggravju, jinghad mill-ewwel li dan hu wiehed fieragh. Kif gie ripetutament affermat minn din il-Qorti, fil-kaz ta’ sentenza tal-Qorti talMagistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali dak li hu mehtieg hu li dik is-sentenza jkun fiha l-fatti li taghhom l-imputat ikun gie misjub hati, il-piena erogata u l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat – artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Differentement il-ligi tipprovdi ghal, per ezempju, decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali “li biha tigi deciza kwistjoni ta’ ligi” – artikolu 662(2) ta’ l-imsemmi Kodici Kriminali. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

L-ewwel zewg aggravji bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-**

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid il-provi kollha li semghet l-ewwel Qorti sabiex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni taghha.

Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti semghet ix-xhieda *viva voce* u ghalhekk kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9).

L-appellant isostni li ma setax ikun hu li wettaq ir-reati addebitati lilu. Jghid li dakinhar kien xoghol il-Gzira, spicca fl-4.00 p.m. u ghall-habta ta' l-4.30 p.m. cempel lill-gharusa tieghu Josianne Nicolosi minn fejn hemm l-ghassa tal-Imsida mbaghad baqa' sejjer id-dar il-Pieta`. L-gharusa tieghu kienet toqghod Hal-Safi mat-tfal u kien imur jara lit-tfal hemm. Kien juza tal-linja u kien idum bejn tliet kwarti u siegha biex jasal.

Josianne Nicolosi xehdet illi dakinhar li sehhew ir-reati in kwistjoni, l-appellant ma marx Hal-Safi u kien cemplilha ghall-habta ta' l-4.00 p.m., ghall-habta tal-5.30 p.m. u ghall-habta tas-7.30 p.m. Hija qalet li l-appellant cemplilha mill-Msida ghax qallha li kien qed icempel mir-Rahal Gdid u dak kien ifisser ghalih l-Msida. Dan qalulha meta kelmitu wara filwaqt li kien il-habs.

L-appellant ipproduca bhala xhud lil Charmaine Galea Triganza mill-Maltacom. Hija kkonfermat li saru telefonati lil Josianne Nicolosi fl-4.31 p.m. minn card phone faccata tal-Busy Bee, fl-4.44 p.m. minn card phone fejn l-Ursolini,

---

**Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

il-Pieta`, ohra fil-5.09 p.m. u ohra fil-5.12 p.m. minn kiosk fi Triq id-Duluri, Pieta`.

Sa certu punt jidher li dak li qal l-appellant dwar it-telefonata li ghamel lil Josianne Nicolosi huwa korroborat, u cioe` li din it-telefonata saret fl-4.31 p.m. Minn ezami akkurata tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u tad-dokumenti esibiti, pero`, ma jirrizultax illi r-reati in kwistjoni sehhew ghall-habta ta' l-4.30 p.m.

Huwa veru li x-xhud principali tal-prosekuzzjoni xehdet li l-incident gara ghall-habta ta' l-4.30 p.m., izda mix-xiehda ta' P.S. 2 Martin Bugeja u specifikatament mill-okkorrenza relattiva jirrizulta li r-rapport sar fl-4.30 p.m. u li l-hin ta' l-incident kien bejn it-3.30 p.m. u l-3.45 p.m. Annabelle Camilleri fil-fatt xehdet li wara li sehh dan l-incident hija l-ewwel dahlet id-dar u meta gew il-genituri taghha marret taghmel rapport l-ghassa taz-Zurrieq. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk kien hemm bizzejjed hin biex l-appellant, jekk kien verament hu li ghamel it-telefonata ta' l-4.31 p.m., jasal l-Msida minn Hal-Safi.

Annabelle Camilleri, meta kienet qed tixhed, identifikat lill-appellant bhala l-persuna li ffermaha b'mus jew sikkina u talabha l-flus fis-17 ta' Novembru 2005. L-appellant jilmenta li meta mistoqsija jekk hux qed taghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla, Camilleri wiegbet fin-negattiv u kien biss wara insistenza tal-prosekutur illi gharfitu. Mit-traskrizzjoni relattiva[2] pero`, jirrizulta li dak li ntqal kien is-segwenti:

"Qorti: Qed tarah hawn gew? Qed tarah hawnhekk?
Xhud: Le.
Qorti: Hares ftit. Ara jekk tarahx.
Xhud: Qed narah ehe.
Qorti: Min hu?
Xhud: Dak.
Qorti: Ix-xhud qed tindika lill-imputat."

---

[2] A fol. 44 tal-process.

L-appellant jilmenta wkoll illi ghalkemm l-imsemmija Camilleri kienet tafu sew, hija naqset milli tindika lilu lill-Pulizija bhala l-aggressur taghha u tat biss deskrizzjoni u qalet li probabbilment kien minn Hal-Safi. Kien biss l-ghada gewwa d-Depot meta rat lil Josianne Nicolosi li qalet li l-aggressur taghha kien il-guvni ta' dik Nicolosi. Dan huwa lment fieragh ghax mix-xiehda ta' Annabelle Camilleri jirrizulta li lill-appellant kienet tafu biss bhala klijent tal-hanut taz-zebgha go Hal-Safi fejn kien mar mal-mara tieghu (ma' Nicolosi) u xtraw barbeque set. Altru mela milli kienet "tafu sew". Pero` kienet tafu bizzejjed biex tkun tista' tidentifikah bhala l-gharus ta' Josianne Nicolosi (meta rat lil din Nicolosi d-Depot, kif jistqarr P.S. 914 Paul Mifsud). Imbaghad l-allegazzjoni ta' l-appellant li Annabelle Camilleri holqot l-istorja ghax kellha xi haga personali kontrieh tidher li hi biss frott ta' l-immaginazzjoni tieghu u mhux sorretta b'ebda prova.

L-ilment li siehbu Mohammed Ether ma setax jittella' jixhed peress li gie deportat lejn il-Libja wara li rrizulta li kien Malta bla permess huwa wkoll ilment fieragh peress li jezistu mezzi skond il-ligi sabiex tkun tista' tinstema' x-xiehda ta' xhieda li jinsabu fl-esteru.

Skond l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, "ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar." L-ewwel Qorti emmnet lil Annabelle Camilleri u konsegwentement setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija ta' l-appellant.

Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis harxa. Il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[3].

---

[3] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta'**

Ir-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghall-fini biex jitwettaq ir-reat fl-ewwel imputazzjoni u ghalhekk hija applikabbli l-piena ghar-reat kontemplat fl-imsemmi l-ewwel imputazzjoni, cioe` piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa erba' snin. Ma' din il-piena trid tizdied minn nofs sa terz tal-piena applikabbli ghall-imputazzjonijiet l-ohra, jigifieri sa tlettax-il xahar u nofs prigunerija ohra. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-piena nflitta fuq l-appellant mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi. Pero`, stante li ma jirrizultax li l-ewwel Qorti applikat il-provvedimenti tal-paragrafi (b) u (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, hemm lok ta' temperament fil-piena sabiex jirrispekkja l-applikazzjoni ta' tali provvedimenti, kif ukoll il-fedina penali precedentement netta ta' l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu s-sejbien ta' htija, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Ahmed Mohammed Hassan ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena u disa' xhur bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konessjoni ma' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

---

**Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.